MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 1174/2009

**Henry Falzon**

**-vs-**

**Advance Shipping Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-27 ta’ Novembru, 2009 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

1. Illi l-esponenti permezz ta’ kuntratt datat 7 ta’ Frar 2008, kera lis-soċjeta` intimata, il-fondi enumarati 3, 4 u 5 Wills Street, Paola Hill, Paola. (DOKHF1)

2. Illi l-esponenti permezz ta’ ittra ġudizzjarja datata 11 ta’ Settembru 2009, interpella lis-soċjeta` intimata sabiex tħallas is-somma totali ta’ tmient elef, mija tlieta u ħamsin Euro (€8,153.00) rappreżentanti kera bil-

quddiem għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, dwar l-imsemmi fond.
3. Illi s-soċjeta` intimata sal-lum baqgħet inadempjenti.

4. Illi għalhekk jeżistu raġunijiet biżżejjed skond il-liġi sabiex l-esponenti jitlob il-ħall tal-kuntratt ta' kiri.

5. Illi l-esponenti jiddikjara illi s-soċjeta intimata m'għandiex eċċezzjonijiet x'tagħti.

Għaldaqstant in vista tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha;-

1. Tiddikjara għar-raġunijiet suesposti ir-rexxizzjoni tal-kuntratt ta' kiri bejn il-partijiet tal-fondi enumarati 3, 4 u 5 Wills Street Paola Hill, Paola, datat 7 ta' Frar 2008 u;

2. Konsegwentement tordna l-iżgumbrament tas-soċjeta` intimata, mill-fondi enumerati 3, 4 u 5, Wills Street, Paola Hill, Paola, fi żmien perentorju stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti; u

3. Tiddeċiedi t-talba tal-esponenti, bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawza *ai termini* l-Artikolu 167 *et seq.* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż, u b'riserva għal kwalunkwe azzjoni għad-danni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Semgħet lill-attur;

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum stess li permezz tiegħu l-Qorti ddikjarat bħala valida n-notifika tas-soċjeta' konvenuta, u l-kawża ġiet differita għas-sentenza.

Billi għalhekk it-talbiet attriċi jistħoqqilhom li jiġu milqugħa;

**Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi;**

**Għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' xahar.**

**Spejjeż ikunu a kariku tas-soċjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------